Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 79
# It-Tlieta 31 ta' Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.45 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier <Dahal 6:30 pm >
Emanuel Brincat – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

79.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

79.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge, li talab li jkun skużat minħabba l- impenji ta'xoghol.

79.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Matthew Agius, li avvża li se jasal tard minħabba appuntament.

79.1.04 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

**79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

79.2.01 Il-minuti ta' Seduta L7-77 ttieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

79.2.02 Il-minuti ta' Seduta L7-78 gew moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

79.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar l-ghoti tal kuntratt ghall Knis ta'Emergenza. Wara s- sejħa għall stimi u kif approvat waqt is- seduta L7_78. Dawn l-stimi ħarġu fuq l-stess kriterji, tat -Tender KLMsd 1/2017 Street sweeping and cleaning in Msida and part of Swatar in an enviormentally friendly method. Hawn kompliet tispjega li l-stess kuntrattur li aċċeta' l-offerta ta' Tender tefgħa l-orħos stima u ingħata' dan il- kuntratt ta'xahar.

Is-Segretarju Eźekuttiv Alan Vella, għarraf lill-kunsilliera preżenti kif kien spjegat fl-aħħar seduta ġie ppublikat ir-rapport fuq is-sistema Epps ghat-Tender KLMsd 1/2017. Fejn irridu jgħaddu 10 ġranet tal-appell, qabel ma jiġi offrut il-kuntratt.Wara li dan il-perjodu issa ghadda u wara li t- Tender ġie offrut lill l-ewwel aħjar offerta dan rrifjuta', l-offerta fejn reġgħet ġiet offruta lit-tieni aħjar offerta, li dan aċċetta u ser jibda mil- 1 ta' Settembru.

79.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, għarrfet lill-Kunsilliera preżenti dwar il- Laqgha mal-perit. Fuq id-disinn tal- proġetti tal- latrina u l-ġnien ta' Misraħ San Gużepp.

79.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, għarrfet lill-Kunsilliera preżenti dwar l-andament tal-programm ta attivitajiet bejn l-aħħar ġimgħa ta' Ġunju u Settembru f'Misraħ San Ġużepp għas-Sajf jidher li intlaqa tajjeb min nies.

79.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni minghand Transport Malta dwar approvazzjoni biex ssir estensjoni ta'bankina go Triq Antonio Sciortino.

79.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand Transport Malta dwar approvazzjoni biex ssir Road Hump fi' Triq Prinċipessa Margaret.

79.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar il- bidu ta'xogħol, għall housing soċjali ġo sit fi' Triq il-Wied. Fejn il-Kunsill ġie nfurmat li se ssir bankina temporanja ġo triq il-Wied, minħabba stekkati. Filwaqt li fil- parti tas-sit ma' Triq Garcin se jitwaħħlu tabelli biex ma jsirx parkeġġ waqt il- ħinijiet ta' xogħol minħabba s-sigurta'.

79.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

79.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsilliera preżenti dwar Performance review ta' waħda mill-impjegati, li hija sekonded mal-Ministeru tas-Sahha. Biex ikun jista' jiġi approvat il-progression wara ħames snin servizz, skond il-ftehim kollettiv. Id-dipartiment ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

79.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsilliera preżenti dwar it- talba mill-Aġenzija Żgħażagħ għall-Exposure Scheme. Lill-persuna mill-Imsida b'bżonnijiet speċjali fejn Jobs Plus, ġew mgħarfa bid-deċiżjoni tal-Kunsill u din il-persuna diġa' bdiet tahdem skond l-skema.

79.4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsilliera preżenti dwar proposta, mill żviluppatur fuq applikazzjoni PA9578/2017. Biex iħott u jerġa' jibni struttura minn ġo binja għal fetħa quddiem il-kumpless pjanat fejn offra li din ssir pjazza, għas-spejjez tiegħu. Il-kuntrattur ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kunsill.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda r-risposta minn żvilluppatur, u kopja ta'disinn propost kif talab il-Kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li ma jsibux oġġezzjoni. Sakemm l-żvillupp ikun kif propost u l-struttura tkun fuq l- arkati , miftuħa ghall użu rekreattiv pubbliku u mhux bis-saqaf.

79.4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsilliera preżenti dwar ittra ta' riżenja minn waħda mill-impjegati, li din kellha 4 ġimghat Notice u spiċċat fil-25 ta'Lulju. Fejn tħallset dak kollhu dovut skond il-ftehim kollettiv barra il-performance Bonus. Ġie mgħarraf id-dipartiment u saret it-talba biex ssir is- sejħa għal ingaġġ ta' Clerk Scale, 15 full time li ġiet approvata. Saret is-sejħa mal- kunsilli u reġjuni iżda ma applika ħadd, u l-Jobs Plus ġiet mgħarfa fejn se toħroġ is-sejħa kif stabbilit mir-regolamenti. Fl-stess hin għada għaddejja is-sejħa għal Clerk Scale 15 full time Back to Back, minħabba li dawk li applikaw ma ġewx għal interview.

79.4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsilliera preżenti dwar il-parkeġġ ta' Rue D'Argens. Saret laqgħa ta'diskussjoni bejn il-Kunsill u t-Traffic Manaġement Committee, fejn attendew Is-Sindku Margareth Baldacchino Cefai u l-Kunsilliera Charles Selvaġġi, Emanuel Brincat, Lino Bartolo u Maurice Agius. Fejn ġew mgħarrfa li r- restrizzjoni se tkun sospiża sa' Settembru u fejn qed jiġu klunsidrati ċaqlieq tal -Bus Stop u xi xogħolijiet ohra biex ikun hemm traffic managment aħjar.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa biex il-Kunsill xorta jinsisti biex ikollu kopja tal-istudju, li wasal biex titieħed l-ewwel deċizjoni biex jitneħħa l-parkegg ġo Rue D'Argen mal- ġurnata.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li TM mhux se jibghatu dan ghax min dak kif spjegat waqt din il-laqgħa, ma kienx sar xi studju b'mod xjentifiku. Iżda fuq moniteraġġ ta' traffiku bil- cameras minn diversi toroq minħabba stagnar ta'traffiku li ġie osservat imedjatament wara li reġa' sar il-parkegg. Fejn waslet lil TM tieħu id-deċizjoni ta' restrizzjoni ftit ġranet wara.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li filfatt ġie msemmi li għandu jsir u ngħataw struzzjonijiet waqt l-stess laqgħa, biex ssir moniteraġġ fi'ġranet differenti permezz ta' Drone. Li tkun tista turi l-andament ta' traffiku mil- ajru u mbghad,issiru laqghat ta' aġġornament fuq dawn.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li diġa' staqsiet jekk kienx hemm żvilluppi fuq ix-xogholijiet imsemmija, hu meta tista' issir laqgħa oħra iżda għadha ma ħadetx risposta.

Is-Sur Emanuel Brincat ġibed l-attenzjoni tal- Kunsill li waqt il-laqgha kien miftiehem bejn il-Kunsilliera preżenti, li ħadd ma għandu joħroġ xi komunikazzjoni sakem TM tagħmel stqarija uffiċjali. Iżda wieħed mil- Kunsilliera ddeċieda li xorta jitfa' fuq FaceBook qabel ma ħarġet l-ebda stqarrija uffiċjali. <Fejn kien hemm kunsilliera oħra preżenti u ma ġewx taggjati>

Is-Sur Maurice Agius wiegeb li huwa għamel kumment fuq FB, meta dawn it-tabelli tneħħew għax ħass li ġa la dawn tneħħew hija żġur uffiċjali<Fejn ġew taggjati Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai u l-Minority leader Charles Selvaġġi>

Miżjuda:<Fejn kien hemm kunsilliera oħra preżenti u ma ġewx taggjati>

Miżjuda:<Fejn ġew taggjati Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai u l-Minority leader Charles

Qamet diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti, fuq is-suġġett u ġiet ċċarata li komunikazzjonijiet uffiċjali tal-Kunsill jsiru mis-Segretarju Eżekuttiv.

79.4.06 Is-Sur Maurice Agius reġa' staqsa jekk tneħħewx il-Kattusi minn Triq tas-Sisla.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-WSC għada ma neħħietx il-katusi ġo triq tas-Sisla.

79.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

79.5.01 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai gharfet lill Kunsilliera preżenti, li għall bosta xhur kienet qed tara kif jista' il-Ministeru ghat-Turizmu jgħin biex issir upgrading ta' Xatt ta' Xbiex Msida u spjegat li l-Ministeru propona li joffri is-servizz tal perit biex jieħu ħsieb dak kollhu li ghandu x' jaqsam ma' disinn applikazjonijiet mal PA,BOQ's ,Tendering u applikazjonijiet f'Isem il-Kunsill ghall fondi biex jigi ffinanzjat il-progett. Hawn poġġiet fuq il-mejda id-disinn tal- pjanti proposti ghad- diskussjoni tal- Kunsilliera preżenti.

Il-Kunsilliera preżenti raw il-pjanti u ddiskutew dwar il-bicca tal-Iskal biex ssir konsultazzjoni mas-sajjieda u agħamlu xi suġġerimenti filwaqt li qablu unanimament mal- proġġett li hemm bżonn ssir.

79.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq il- Ġimgha tal-Festa ta' San Ġużepp l-Imsida. Fejn għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li kollox mar sew u mingħajr inċidenti. Ħlief il-Ħamis tal-Festa fejn kien hemm gabbana li ramat ġo Triq il-Kuncizzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsilliera preżenti dwar il-gabbana tal-ikel quddiem il-każin tal-Banda. Qamet kwistjoni il-Ħamis tal-Festa fejn intalbet l-għajnuna tal-pulizija biex din il-gabbana żżarma. Kien hemm bosta ilmenti min rappreżentanti tal-każin tal-banda fejn kien qed jiġi argumentat li tal-bar kien ser iżarma. Wara konsultazzjoni mal-Ispettur tal-pulizija u biex ma jkunx hemm inkwiet ttieħdet deċiżjoni li jinħareġ permess, sakemm it-Triq tkun magħluqa. Iżda li trid tkun ċara li dan se jkun biss għal din id-darba u mis-sena dieħla il-kumitat tal-banda ma' japplikax għal ħadd ieħor jekk dawn rridu japplikaw huma iżda sakemm jiġi deċiż mod ieħor gabbana mhux permessi ġo bus lane.

Is-Sur Maurice Agius qal li din is-sena ma kienx hemm passaġġ fejn il-każin tal- Banda, u staqsa għala ma sarux il-bollards bħas sena ta'qabel ghax kienu effettivi biex jinżamm passaġġ għan- nies kif suppost.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li ma sarux minhabba li dawn bdew jinqalgħu ghax m' hemmx irbit sod taht il-madum. Iżda se jieħu nota biex jinstab mezz aħjar ħalli darba oħra ikun hemm passaġġ.

79.5.03 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem fuq il- fatt li waqt il-programm Forċina saru xi intervisti ma' bosta nies iżda l-Kunsill ġie eskluż u ppropona li tintbgħat stqarrija fejn turi id-dispjaċir tal-Kunsill.

Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew u wara li fthemu fuq il-kontenut qablu li tintbgħat nota ta' dispjaċir lil programm Forċina.

79.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, tkellmet fuq l-andament tas-serata ta' Jum l-Imsida fejn ingħata mertu Msida is-Sur Emanuel Brincat għax xogħol siewi li jagħmel biex iwassal tagħrif dwar l-Imsida lis-semmiegħa tiegħu fuq programm tar-radju go l-Awstralja.

Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq il-Lista, tal-Inviti għax ċertu għaqdiet reliġjuzi ma ġewx mistiedna.
Is-Sur Lino Bartolo wieġeb li l-lista ilha snin li ġiet rranġata għax kien hemm għaqdiet li ma għadhomx jeżistu u qed jiġi mistieden biss il-kunsill Parrokkjali għax jinkorpora lill kulħadd.

79.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mil- Barman tal-Każin, tal-Banda għal-permess ta'BBQ fil-parkeġġ faċċata tal-Każin fis-17 ta'Awissu.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw, bil- kundizjonijiet standard li jaghmel il-Kunsill japplikaw.

79.5.06 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq il-Bankini u ppropona biex meta issiru ġodda tibda tintuża kurduna li tkun ta' ċertu xaqliba biex b'hekk ma ssirx ħsara meta taqla' daqqa bir-roti ta'vetturi kbar.< u l-bankina tibqa dritta >
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew il-proposta u qablu li fejn dawn jistgħu ikunu kunsidrati u jsiru.

Miżjuda:< u l-bankina tibqa dritta >

79.5.07 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq numru ta'bini li jista' jigi mwaqqa' għal żvilupp, u ippropona biex il-kunsill jikteb lill PA. Biex f' numru ta'binjiet issiru ċertu kundizzjonijiet biex il-faċċata, jew tibqa' kif hi jew ssir bl-stess disinn.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew il-proposta u qablu, li s- Sur Bartolo għandu jipprepara talba u lista ta' binjiet fejn dawn jistgħu ikunu kunsidrati biex il-faċċata tibqa bl-stess karatteristiċi.

79.5.08 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq karozzi li qed jipparkjaw fuq il-Keep Clear, quddiem il Garaxx. llum maghluq tal- pompa u nnota għal bosta drabi anzjani jimxu fuq it-triq, għax ma jkunux jistgħu jgħaddu.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Keep Clear saret minħabba din il-problema. Iżda jidher li xorta qed ssir abbuż u ha nota biex javvża lill pulizija u uffiċjali oħra ħalli jieħdu ħsieb jagħmlu dak li hemm bżonn.

79.5.09 Is-Sur Maurice Agius staqsa, jekk kienx hemm xi żvilupp fuq l-Skola.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li kien sar l-appell iżda għadu mhux magħruf fejn waslu.
Is-Sur Lino Bartolo qal li tkellem mal-kap tal- Heritage Malta u kkonferma li l-Heritage Malta għada ssostni l-oġġezzjoni tagħha, li l-skola taqa' u tinbena mill- ġdid.

79.5.10 Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem fuq kwantità ta ' boroż is-suwed li qed joħorġu fil-ġurnata tar-riċiklaġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ġie nnotata iżda fil-mument ma jistax jitlob il-Clensing biex jagħmlu infurzar, għax jinsabu maqbuda b'xogħol ieħor. Iżda ser jipprova jara meta dawn jistgħu jerġgħu jibdew mill- aktar fiss u jgħassu fuq din il-problema.

79.5.11 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa fuq min jista' ikollhu ċwievet tal-Kunsill, għax osserva li dan ġieli ikun miftuħ barra l- ħin normali u jkun hawn in-nies.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wieġet li wara il-ħinijiet tal-uffiċċju hemm, ġranet li jkun hawn jew filming, jew korsijiet ta'Drama u make tal-kompjuter u oħrajn.

79.5.12 Is-Segretarju Eźekuttiv Alan Vella, qal li meta ikun hemm dawn l-attivitajiet għalkem ġieli ikun hawn persuna li tieħu ħsieb mhux dejjem possibli li jkun hawn xi ħadd joqgħod magħhom wara il-ħin normali tal-uffiċċju. Iċ- ċwievet jingħataw għall- area fejn hemm bżonn ssiru dawn u hemm reġistru ta'min għandu dawn iċ-ċwievet li jiġu ffirmati meta jingħataw u jidħlu lura. Min jiffirma jew min qed jorganizza huwa il-persuna li hija responsabli.

79.5.13 Is-Sur Emanuel Brincat ppropona biex il-Kunsill ipoġġi fuq-agenda it-traffic manegment ta'Triq San Lwigi.
Is-Sur Matthew Agius issuġġerixa li ikun jaqbel l-ewwel ssir ix-xoghol fi' Triq il-Kunċizzjoni kif miftiehem ma' Trasport Malta. Ħalli tittafa' il- problema ta'traffiku min hemm u mbghad tkun tista tigi kkunsidrata' aħjar, kif se ssir Triq San Lwiġi.

**79.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti finanzjarji.**

79.6.01 Is-Sinjura Romina Perrici Ferrante ppreżentat u rrispondiet fid-dettall għal xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera, preżenti is-Second Quarter Financial report January-June 2018 < 79.6.01 > fejn spjegat li f'dan il-perjodu il-Kunsill għamel surplus ta' 26%.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella kompla jispjega lill-Kunsilliera preżenti li għandu jiltaqa' mal-Accountant, biex jiddiskuti u janaliżżaw aktar fil-fond il-varjazzjonijiet fid-dħul u l-ħruġ. Biex ssiru tibdiliet fl-estimi ta'Dħul u l- Ħruġ li se jwassal għal żieda fl' infieq ta'manutenzjoni u xi proġetti proposti li għadt irridu jiġu approvati mill-Kunsill. Hawn kompla jispjega li għandu jara li l-Kunsill rrid li jżomm mal-10 % kif mitlub mir-regolamenti.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw ir-rapport unanimament

**79.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

79.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-79 < dc 79 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn id-26 ta' Gunju, u 30 ta'Lulju għal approvazzjoni tal-membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Lino Bartolo, u ssekondata' mis-Sur Charles Selvaggi.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**79.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

79.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata, għat-Tlieta 28 ta' Awwissu 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti kkonfermati, illum 28 ta' Lulju 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |